**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**SUPERJURI**

**MAGISTRAT:**
**Dr ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG JUR (EU LAW)**

**SEDUTA tat-2 ta' Mejju 2002**

Citaz. Nru. 1/1997

Jason Cefai u Frank Cefai

vs

Victor Zerafa

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:

" illi fl-20 ta' Ottubru 1993 Jason Cefai kien qieghed isuq il-vettura tieghu Escort numru E-8697 f'Zebbug Road, Victoria, fid-direzzjoni ta' l-istess Victoria – fil-waqt illi l-attur l-iehor kien riekeb passiggier fl-istess vettura – meta f'mument minnhom sab il-karreggjata tieghu imblokkata bil-Van numru G-3912 misjuqa mill-konvenut Zerafa, illi dak il-hin kien qieghed jaghmel manuvra ferm azzardata u anti regolamentari illi jaqla' jew jissorpassa l-crane numru F-5045 misjuqa minn huh Raymond Zerafa u b'hekk mar ghal kollox fuq in-naha hazina tat-triq b'tali mod u manjiera illi invada kompletament il-karreggjata ta' min kien gej fid-direzzjoni opposta;

Illi per konsegwenza ta' dan kollu il-vettura Escort habtet mal-van u garrbet hsarat estensivi; fil-waqt illi z-zewg atturi sofrew feriti gravi fil-persuna taghhom;

Illi dan l-incident tat-traffiku gara unikament u esklusivament tort u htija tal-konvenut minhabba sewqan eccessiv u imprudenti u minhabba illi huwa naqas josserva r-regolamenti tat-traffiku;

Illi per konsegwenza ta' dan l-incident l-atturi sofrew danni ingenti konsistenti fi hsarat fil-vettura ta' Jason Cefai u qirda totali ta' l-istess vettura oltre minn debilita permanenti fil-persuna taghhom illi irrendithom u ghadha tirrendihom inkapaci ghax-xoghol illi huma kienu jaghmlu dak iz-zmien;

Illi wara l-incident, l-atturi dahlu fi trattattivi diretti mal-kumpanija assikuratrici tal-konvenut u saru hafna negozjati fit-tul mal-kumpanija assikurattrici liema negozjati baqghu finalment ma waslux ghal ezitu posittiv ghaliex l-istess kumpanija insistiet li ma taccettax ir-responsabbilita kollha tal-incident de quo u lanqas riedet taqbel mal-ammont tad-danni pretizi mill-atturi;

Illi minhabba l-konnessjoni ntima bejn iz-zewg talbiet taghhom u minhabba illi x-xhieda li sejrin jigu prodotti minn kull attur huma kwazi identici, l-esponenti qeghdin jaghzlu illi jressqu it-talbiet taghhom b'citazzjoni wahda;

TALBU ghalhekk ghaliex il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-imsemmi incident stradali;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur Jason Cefai billi tiddikjara illi jikkonsistu fil-qirda totali tal-vettura Escort E-8697 u f'dawk id-danni emergenti u lukri cessanti ohra illi jirrizultaw fit-trattazzjoni tal-kawza per konsegwenza tal-feriti personali sofferti minn Jason Cefai;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur Jason Cefai dawn id-danni kif likwidati;

4. tillikwida d-danni sofferti mill-attur Frank Cefai billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emergenti u lukri cessanti ohra illi jirrizultaw fit-trattazzjoni tal-kawza per konsegwenza tal-feriti personali sofferti minn Frank Cefai;

5. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur Frank Cefai dawn id-danni kif likwidati;

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Novembru 1993, tat-23 ta' Marzu 1995, tas-16 ta' Novembru 1995, tat-13 ta' Awissu 1996 u tas-27 ta' Settembru 1996, u ta' l-ittra ufficjali tal-24 ta' Novembru 1993, kif ukoll ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' din l-istess citazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi debitament ikkonfermata minnhom bil-gurament annessa l-lista tax-xhieda u dokumenti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament illi t-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Fil-meritu u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident tat-traffiku li sehh f'Zebbug Road, Victoria, fl-20 ta' Ottubru 1993 waqt li l-eccipjenti kien qed isuq il-vettura tieghu numru ta' registrazzjoni G-3912 gara unikament tort u htija ta' l-attur Jason Cefai li dak il-hin kien qed isuq il-vettura tieghu numru E-8697 b'mod irregolari u kontra r-regolamenti tat-traffiku;

3. Stante li dan l-incident ma garax tort tal-eccipjenti, l-ebda ammont m'huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni, liema danni f'kwalunkwe kaz kif pretizi minnhom huma ghal kollox esagerati stante li skond it-Tabib Fredrick Zammit Maempel li kien ezamina lill-atturi, Jason Cefai ma sofra l-ebda disabilita peramenti, waqt li Frank Cefai sofra disabilita ta' natura hafifa u dana kif sejjer jigi pruvat waqt il-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut debitament guramentata anness il-lista tax-xhieda u dokumenti;

Rat is-sentenza ta' dina l-Qorti diversament preseduta fuq l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, liema sentenza ggib id-data tas-16 ta' Dicembru 1997 (folio 43 et seq), u fejn dik il-Qorti cahdet din l-eccezzjoni u ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

Ezaminat il-provi kollha;

Ezaminat id-dokumenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

L-azzjoni esperita mill-atturi tirrigwarda rizarciment ta' danni konsegwenti incident awtomobilistiku li sehh fl-20 ta' Ottubru 1993 f'Triq Zebbug, Victoria, liema danni jinghad li jikkonsistu sew fil-vettura proprjeta' u misjuqa mill-attur Jason Cefai meta sehh l-incident, u sew f'disabilita sofferta mill-istess Jason Cefai u huh Frank li kien passiggier mieghu.

Mill-atti tal-kawza, senjatament in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, jirrizulta li huwa qed jikkontesta li l-incident gie kkawzat minnu. Difatti jitfa' r-responsabbilita "unikament tort u htija" tal-attur Jason Cefai stante sewqan irregolari u kontra r-regolamenti tat-traffiku.

Inghad dan ghalhekk jinnecessita li l-indagni f'din is-sentenza tigi ndirizzata fl-ewwel lok ghal dak li jikkoncerna r-responsabilita ghall-incident awtomobilistiku in dizamina u sussegwentement u skond il-kaz l-likwidazzjoni tad-danni kemm dawk ta' danni emergenti u lukri cessanti.

Illi huwa pacifiku li l-incident in meritu nvolva l-vettura misjuqa mill-attur Jason Cefai tal-ghamla Escort, numru ta' registrazzjoni E-8697 u l-van tal-konvenut numru G-3912 u dana waqt li dan ta' l-ahhar kien f'manuvra ta' sorpass ta' vettura tqila u konsistenti bhala ma hi "crane". Minn ezami tax-xhieda u partikolarment l-iskizz jirrizulta li l-habta kienet frontali bejn il-vetturi li kienu qed jinsaqu f'direzzjoni opposta ghal xulxin. Jirrizulta li l-konvenut kien fil-mument ta' l-impatt issorpassa l-linja medjana tat-triq u li l-attur Jason Cefai halla marki ta' brake ta' 20.30 metru li jfisser velocita ta' cirka 40 (erbghin) kilometru fis-siegha qabel l-incident. In propositu ghal dan il-fattur ta' velocita l-Qorti hi pero' tal-fehma li ma kienx il-fattur determinanti li kkawza l-kollizjoni. Fi kliem Charlesworth & Percy "On Negligence" (Edit. 9 para 9 – 211 pagna 729 - 730) "it is the duty of the driver or rider of a vehicle to travel at a speed which is reasonable under the circumstances. In determining what is reasonable, the nature, condition and use of the road in question, and the amount of traffic which is actually on it at the time, or which might reasonably be expected to be on it, are all important matters to be taken into consideration". Rilevanti ghalhekk fil-kaz in meritu hu l-fatt tal-hin (kmieni filghodu) u t-traffiku negligibbli li kien qed juza t-triq dak il-hin. Hekk ukoll utent tat-triq f'dak il-hin, fil-persuna ta' Felix Cini, ddiskriva l-incident b'mod li kkonferma l-velocita ta' l-attur bhala 40k.f.s (l-istess bhal tax-xhud) u li fil-mument tal-impatt il-crane "kienet ezatt bi dritt jew kwazi bi dritt il-van". Mehud kollox in konsiderazzjoni lill-Qorti ma jidhrilix li xi velocita oltre l-limiti konsentiti ta' l-attur fil-fatt ikkontribwit jew setghet tikkontribwixxi ghall-incident li invece sehh tort il-manuvra spropositata tal-konvenut meta ittanta sorpass azzardat aktar meta seta' jew missu induna bil-liwja il-fuq minn fejn kien isuq.

Illi stabbilit il-fatt ta' responsabbilita ghall-incident jispetta li jigu indirizzati t-talbiet l-ohra ta' l-atturi fir-rigward il-likwidazzjoni tad-danni kemm dawk konsistenti f'danni emergenti u dawk konsistenti f'lukri cessanti.

F'dan il-kuntest tad-danni l-Qorti tinnota li l-provi prodotti huma skarni ghall-ahhar pero jidrilha li tista tibbaza fuq korrispondenza spedita lill-atturi mis-socjeta assikuratrici tal-konvenut ben intiz li kien jispetta lill-atturi li jippruvaw huma l-entita' tad-danni minnhom sofferti u issa reklamati. Ghalhekk u tenut kont tal-provi prodotti il-Qorti ser tadotta bhala bazi ghal-likwidazzjoni tad-danni kollha l-ittra spedita mis-socjeta' assikuratrici bid-data tat-2 ta' Awissu 1995 (folio 13) tenut kont li r-responsabbilita ghall-incident tmiss interament lill-konvenut, kif fuq intqal, u li l-grad ta' disabilita sofferta minn Frank Cefai, passiggier fil-vettura Escort, numru ta registrazzjoni E-8697, tirrizulta fil-percentagg ta' hamsa fil-mija abbazi tar-

rapport mediku folio 92 et seq redatt mill-Kirurgu nominat Charles Grixti. Ghaldaqstant is-somma likwidata favur l-attur Jason Cefai ser tigi ffissata fl-ammont ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) rapprezentanti d-danni sofferti fil-vettura tieghu kif dikjarata rreparabbli; fil-waqt li l-ammont likwidat favur l-attur l-iehor Frank Cefai in linja ta' lucrum cessans ser tigi iffissata fl-ammont ta' elfejn u tmenin lira Maltin (Lm2080) kalkolata fuq bazi ta' hamsin lira Maltin (Lm50) (paga fil-gimgha) multiplikat b'tnejn u hamsin (52) (gimghat f'sena) multiplikat b'20, "purchase years", multiplikat bid-disbilita risultanti ta' hamsa fil-mija (5%) li minnhom jitnaqqsu ghoxrin fil-mija (20%) bhala "lump sum payment".

Mhux qieghed jigi likwidat ebda ammont fuq bazi ta' lucrum cessans lill-attur Jason Cefai stante li ebda prova ma tirrizulta fl-atti fuq liema tista' talvolta tigi kkalkolata kunsidrat ukoll l-esegwita tad-disabilita rizultanti fil-konfront ta' dan l-attur.

Ghalhekk tiddisponi mill-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel domanda attrici u tiddikjara l-konvenut interament responsabbli ghall-kollizjoni;

2. Tilqa' it-tieni talba limitatament ghad-danni sofferti mill-attur Jason Cefai fil-vettura tieghu u tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800), fil-waqt li tichad it-talba ghall-kumplament;

3. Tilqa' it-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur Jason Cefai s-somma fuq likwidata ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800);

4. Tilqa' ir-raba u hames talba u n-linja ta' likwidazzjoni spettanti lill-attur Frank Cefai tiffissa s-somma ta' elfejn u tmenin lira Maltin (Lm2080) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont lill-attur Frank Cefai.

L-ispejjez tal-kawza komprizi l-ittri ufficjali jibqaw ghall-konvenut fil-waqt li l-atturi ibatu l-ispejjes tad-diversi ittri skambjati u ndikati fic-citazzjoni taghhom.

(ft.) Antonio Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur